# *DWAR L-EKUMENISMU*
# *"UNITATIS REDINTEGRATIO"*

### *Daħla*

***1.*** Wieħed mill-iskopijiet ewlenin tal-Konċilju Mqaddes Vatikan it-Tieni huwa dak illi terġa' tkun stabbilita l-għaqda fost l-insara kollha. Għaliex Kristu l-Mulej waqqaf Knisja waħda u unika; iżda ħafna komunitajiet insara jippreżentaw irwieħhom quddiem il-bnedmin bħala werrieta tassew ta' Ġesu' Kristu; kollha jistqarru li huma dixxipli tal-Mulej iżda bejniethom ma jaqblux u jgħaddu minn mogħdijiet differenti bħallikieku Kristu nnifsu kien mifrud[1]. Żgur li din il-firdia tmur ċar u tond kontra r-rieda ta' Kristu, hija ta' skandlu għad-dinja u tagħmel ħsara lill-kawża l-aktar qaddisa li l-Evanġelju jixxandar lill-ħolqien kollu.

Tabilħaqq is-Sid taż-żmien, li b'għerf u b'sabar ikompli jtemm il-pjan tal-grazzja tiegħu għalina midinbin, dan l-aħħar beda jnissel b'kotra akbar fl-insara mifrudin bejniethom is-sobgħa għal din il-qagħda u x-xewqa għall-għaqda. Għadd kbir ta' bnedmin f'kull imkien tad-dinja ntlaqtu minn din il-grazzja u fost l-aħwa mifrudin minna ngħata idu wkoll, bl-għajnuna tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, għal Moviment, li kuljum qed jikber, biex terġa sseħħ l-għaqda ta' l-insara kollha. F'dan il-Moviment għall-għaqda, li jissejjaħ ekumeniku, jieħdu sehem dawk li jsejħu lil Alla wieħed fi tliet Persuni u jistqarru li Ġesu' huwa l-Mulej u s-Salvatur; f'dan il-Moviment jipparteċipaw mhux biss individwi għal rashom iżda wkoll persuni organizzati fi gruppi li fihom huma semgħu l-Evanġelju u li kull wieħed minnhom iqis bħala l-Knisja tiegħu u ta' Alla. B'danakollu kważi kulħadd, min b'mod u min b'ieħor, jixtieq li jkun hemm knisja ta' Alla waħda u viżibbli, li tkun tassew universali u li tkun mibgħuta lid-dinja kollha biex id-dinja tikkonverti għall-Evanġelju u issalva għall-glorja ta' Alla.

Għalhekk dan il-Konċilju Mqaddes iqis bil-ferħ dan kollu u, ara li diġa' iddikjara d-dottrina dwar il-Knisja imqanqal mix-xewqa li jerġa' iġib l-għaqda

[1] Cf. 1 Kor. 1,13.

fost id-dixxipli kollha ta' Kristu, irid jipproponi lill-kattoliċi kollha l-mezzi, il-metodi u l-modi li bihom huma jistgħu jwieġbu għal din is-sejħa u l-grazzja divina.

## *Kap I*

## *PRINĊIPJI KATTOLIĊĊI TA' L-EKUMENISMU*

### *Il-Knisja hija waħda u unika*

*2.* L-imħabba ta' Alla għalina dehret f'dan li l-Iben waħdieni ta' Alla ntbagħat fid-dinja mill-Missier sabiex magħmul bniedem jagħti l-ħajja mill-ġdid u jiġbor f'wieħed lin-nisel kollu tal-bnedmin billi jifdih[2]. U l-Iben, qabel ma offra lilu nnifsu bħala vittma bla tebgħa fuq l-altar tas-salib, talab lill-Missier għal dawk li jemmnu u qal: "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda kif inti fija, Missier, u jien fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni." (Ġw 17,21). U fil-Knisja tiegħu waqqaf is-sagrament tal-għaġeb ta' l-Ewkaristija li bih l-għaqda tal-Knisja titfisser u sseħħ. Lid-dixxipli tiegħu tahom kmandament ġdid li jħobbu lil xulxin[3] u wegħidhom l-Ispirtu s-Santu[4] li, bħala l-Mulej u dak li jagħti l-ħajja, kellu jibqa' magħhom għal dejjem.

Il-Mulej Ġesu', wara li kien mgħolli fuq is-salib u igglorifikat, bagħat l-Ispirtu mwiegħed li bih huwa sejjaħ u ġabar il-poplu tal-Patt il-ġdid li hu l-Knisja u għaqqdu fil-fidi, fit-tama u l-karita', kif igħallem l-Appostlu: "ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda." (Ef 4, 4-5). Għaliex "Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu.... għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesu'." (Gal 3, 27-28gr). L-Ispirtu s-Santu, li jgħammar f'dawk li jemmnu, li jimla u jmexxi l-Knisja kollha, jagħmel dik l-għaqda tal-għaġeb tal-fidili u jgħaqqadhom ilkoll fi Kristu b'mod hekk intimu illi Huwa jkun il-prinċipju ta' l-untia' tal-Knsija. L-Ispirtu s-Santu jaħdem it-taqsim tal-grazzji u tal-ħidmiet[5] u jgħin il-Knisja ta' Ġesu' Kristu b'doni differenti u b'hekk

[2] 1Ġw 4,9; Kol.1,18; Ġw 11,52.
[3] Ġw 13,34.
[4] Ġw 16,7.
[5] 1 Kor. 12,4-11.

"jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu." (Ef.4,12)

Sabiex iwaqqaf din il-Knisja qaddisa tiegħu fid-dinja kollha u tibqa' sa l-aħħar taż-żminijiet, Kristu ħalla f'iden il-Kulleġġ tat-Tnax id-dmir li jgħallmu, imexxu u jqaddsu[6]. Fosthom Huwa għażel lil Pietru; fuqu, wara l-istqarrija ta' fidi, amar li tinbena l-Knisja tiegħu; lilu wiegħed l-imfietaħ tas-Saltan tas-Smewwiet[7] u, wara l-istqarrija ta' l-imħabba tiegħu, lilu fada n-ngħaġ kollha sabiex iwettaqhom fit-twemmin[8] u jmexxihom f'għaqda perfetta[9] fil-waqt li Hu, Kristu Ġesu' nnifsu, jibqa' għal dejjem il-ġebla tax-xewka[10] u r-rgħaj ta' rewieħna[11]. Ġesu' Kristu ried li bix-xandir fidil ta' l-Evanġelju , bl-aminsntrazzjoni tas-sagramenti, bit-tmexxija fl-imħabba min-naħa ta' l-Appostli u tas-suċċessuri tagħhom, jiġifieri ta' l-isqfijiet fl-għaqda mas-suċċessur ta' Pietru bħala ras, bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, il-poplu tiegħu jikber. Huwa ried iwasslu għall-komunjoni sħiħa fl-unita' fl-istqarrija ta' twemmin wieħed, fiċ-ċelebrazzjoni komuni tal-qima ta' Alla u fl-għaqda ta' l-aħwa tal-familja ta' Alla.

B'hekk il-Knisja, il-merħla waħdanija ta' Alla, bħala għelm merfugħ fost il-ġnus[12], waqt li tqiegħed l-Evanġelju tal-paċi għall-qadi tal-ġens kollu tal-bnedmin[13], miexja bit-tama lejn is-sema pajjiżha[14].

Dan hu l-misteru mqaddes tal-għaqda tal-Knisja fi Kristu u permezz ta' Kristu waqt li l-Ispirtu s-Santu jaħdem bit-tqassim ta' kull xorta ta' doni. L-ogħla mudell u l-prinċipju ta' dan il-misteru hija l-unita', fit-Trinita' tal-Persuni, ta' Alla wieiħed, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

---

[6] Mmt. 28,18-20 flimkien ma' Ġw 20, 21-23.
[7] Mt. 16,19 fliimkien ma' Mt 18,18.
[8] Lq 22,32.
[9] Ġw 21,15-17.
[10] Ef, 2,20
[11] 1Piet 2,25; Vat. I, Sess.IV (1870), K Pastor Aeternus: Coll. Loc. 7,82a.
[12] Is. 11, 10-12.
[13] Ef. 2,17-18 flimkien ma' Mk 16,15.
[14] 1 Piet. 1,3-9.

***Relazzjonijiet ta' l-aħwa mifrudin mal-Knisja Kattolika***

***3.*** F'din il-Knisja waħda u unika ta' Alla, sa mil-bidu tagħha, qamu xi firdiet[15] li Appostlu jiddeplora bil-qawwa u jgħid li hu ta; min jikkundannahom[16]; iżda fis-sekli li ġew wara qamu tilwimiet akbar u xi kumunitajiet mhux żgħar infirdu mill-komunjoni sħiħa tal-Knisja kattolika, xi drabi mhux mingħajr ħtija ta' xi bnedmin minn naħa u minn oħra. Iżda dawk li qegħdin jitwieldu issa f'dawn il-komunitajiet u li jimtlew fihom bil-fidi fi Kristu ma jistgħux ikunu mixlija bid-dnub tal-firda u l-Knisja kattolika tħaddanhom b'qima u b'imħabba ta' l-aħwa. Għaliex dawk li jemmnu fi Kristu u ħadu l-magħmudija kif imiss huma b'xi mod f'komunjoni, għalkemm mhux perfetta, mal-Knisja kattolika. Tabilħaqq, ħtija tan-nuqqas ta' qbil ta' diversi għamliet li hemm bejnhom u l-Knisja kattolika – kemm fuq materji ta' dottrina u, xi drabi, ta' dixxiplina, kemm fuq l-istruttura tal-Knisja – ix-xkiel li jtellef il-komunjoni ekkleżjastika perfetta m'huwiex ftit u xi drabi huwa serju ħafna. Il-moviment ekumeniku għalhekk qed iħabrek biex jirbaħ l-ixkiel kollu. B'danakollu dawn l-aħwa li huma iġġustifikati bil-fidi fil-magħmudija huma ġisem wieħed ma' Kristu[17] u għalhekk bir-raġun huma mżejna bl-isem ta' nsara u jingħarfu minn ulied il-Knisja kattolika bħala aħwa fil-Mulej[18].

Barra minn dan, mill-ġid jew mill-elementi li minnhom, meħudin ilkoll flimkien, il-Knisja nnifisha tinbena u tiegħu l-għajxien tagħha, xi wħud, anzi ħafna minnhom u xi wħud mill-ogħla fosthom, jistgħu jinstabu barra mill-limiti viżibbli tal-Knisja kattolika: il-Kelma ta' Alla miktuba, il-ħajja tal-grazzja, il-fidi, it-tama u l-karita' u doni interni oħra ta' l-Ispirtu s-Santu u elementi viżibbli oħra. Dawn kollha, li ġejjin minn Kristu u jwasslu għandu huma, bi dritt, tal-Knisja waħdanija ta' Kristu.

---

[15] 1 Kor 11,18-19; Gal.1,6-9; 1Ġw 2,18-19.
[16] 1 Kor, 1,11ss; 11,22.
[17] KONMĊILJU TA' FIRENZE, lSezz VIII (1439), Digr, Exultate Deo, MANSI 31, 1055A.
[18] S.WISTIN. In Ps. XXXII, Enarr. II, 29; PL. 36.299.

L-aħwa mifrudin minna jagħmlu wkoll ħafna mill-azzjonijiet sagri tar-reliġjon nisranija; dawn l-azzjonijiet, b'modi differenti u skond iċ-ċirkustanzi ta' kull Knisja jew komunita' partikolari, inisslu tassew il-ħajja tal-grazzja u għandhom jitqiesu tajbin biex jiftħu d-dħul għall-komunijoni li issalva.

Għalhekk l-istess Knejjes[19] u Komunitajiet mifrudin minna, għalkemm nemmnu li hemm xi ħaġa nieqsa fihom, bl-ebda mod ma huma għera minn tifsir u importanza fil-misteru tas-salvazzjoni. Għaliex l-Ispirtu ta' Kristu ma jiċħadx li jużahom bħala mezzi ta' salvazzjoni li jiksbu l-valur tagħhom mill-istess milja tal-grazzja u l-verita' li ngħatat lill-Knisja kattolika.

B'danakollu l-aħwa mifrudin minna, kemm individwi kemm il-komunitajiet u knejjes tagħhom, ma jgawdux minn dik l-unita' li Ġesu' Kristu ried jagħti lil dawk kollha li nissel mill-ġdid u tahom il-ħajja flimkien f'ġisem wieħed u f'ħajja ġdida – dik l-unita li jistqarru l-Kotba Mqaddsa u t-Tradizzjoni meqjuma tal-Knisja. Għaliex huwa biss permezz tal-Knisja kattolika ta' Kristu, li hi l-mezz ta' salvazzjoni li jħaddan lil kulħadd, li tista' tintlaħaq il-milja kollha tal-mezzi tas-salvazzjoni. Aħna nemmnu li l-Mulej ħalla f'idejn kulleġġ appostoliku wieħed taħt it-tmexxija ta' Pietru l-ġid kollu tar-Rabta l-Ġdida biex jitwaqqf fuq l-art ġisem wieħed ta' Kristu li fih jeħtieġ li jingħaqdu għal kollox dawk kollha li b'xi mod diġa jagħmlu sehem mill-poplu ta' Alla. Dan il-poplu, matul il-pellegrinaġġ tiegħu fuq l-art, għalkemm jibqa' suġġett għad-dnub fil-membri tiegħu, jikber fi Kristu u jitmexxa bil-ħlewwa minn Alla skond il-pjanijiet misterjużi tiegħu sakemm jasal ħieni għall-mija kollha tal-glorja ta' dejjem f'Ġerusalemm tas-sema.

### *L-Ekumeniżu*

***4.*** Il-lum, f'ħafna nħawi tad-dinja bl-ispirazzjoni tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, qegħdin jittieħdu ħafna inizjativi, bit-talb, bil-kelma u bil-ħidma, biex tintlaħaq dik il-milja ta' l-unta' li Ġesu' Kristu jrid. Għalehkk dan is-Sinodu

[19] KONĊILJU LATERAN IV, (1215); MANSI 22,990; KONĊILJU TA' LYONS II(1274); Professio Fidei Mchaelis Paleologi; MANSI, 24,7 1E; KONĊILJU TA' FIRENZE, Sezz VI (1430); Definizzjoni Laetentur Coeli, MANSI 31, 1026E.

Mqaddes iħeġġeġ lill-fidili kattoliċi kollha sabiex, fil-waqt li jagħirfu s-sinjali taż-żminijiet, jieħdu sehem bil-ħerqa fil-ħidma ekumenika.

B'moviment ekumeniku nifhmu dawk l-attiviatjieit u dawk l-inizjattivi li, skond il-ħtiġiet differenti tal-knisja u l-opportunitajiet taż-żmien, jitqanqlu u huma maħsuba biex iġibu 'l quddiem l-għaqda ta' l-insara bħalma huma: l-ewwel, l-isforzi kollha biex ikunu evitati dawk il-kliem, ġudizzji u egħmejjel li ma jirriflettux skond il-ħaqq u s-sewwa l-qagħda ta' l-aħwa mifrudin u għalhekk jagħmlu iżjed diffiċli r-relazzjonijiet reċiproċi. Mbagħad jiġi d-"djalogu" bejn esperti mħarrġin sewwa, f'laqgħat ta' l-insara minn diversi Knejjes jew Komunitajieit, li jsiru bi spirtu reliġjuż. F'dan id-djalogu kull wieħed minnhom ifisser iżjed fil-fond it-tagħlim tal-komunita' tiegħu u jippreżenta b'mod ċar il-karatteristiċi tagħha. Għaliex b'dan id-djalogu kulħadd jista' jikseb tagħrif aktar eżatt tat-tagħlim u tal-ħajja reliġjua ta' kull waħda mill-komunitajiet u jibda japprezzahom iżjed. Barra minn hekk dawn il-komunitajiet jaslu għal kollabrazzjoni akbar fil-qadi ta' dawk idi-dmirijiet kollha li titlob kull kuxjenza nisranija għall-ġid komuni; fejn dan huwa permess, huma jinġabru flimkien fit-talb. Fl-aħħarnett f'dan il-moviment ekumeniku kulħadd jitwassal biex jeżamina ruħu fuq il-fedelta' tiegħu lejn ir-rieda ta' Kristu dwar il-Knisja u, fejn jenħtieġ, jidħol bl-enerġija kollha għall-ħidma ta' tiġdid u ta' riforma.

Dawn il-ħwejjeġ kollha, meta jsiru bil-għaqal u bis-sabar mill-fidili tal-Knisja kattolika taħt il-ħarsien tar-rgħajja, igħinu biex iġibu 'l quddiem l-ekwieta' u l-verita' il-ftehim u l-ħidma għalenija, l-ispirtu ta' l-imħabba ta' l-aħwa u tal-għaqda. B'hekk, bil-mod il-mod wara li jkunu megħluba l-ostakli kollha li qegħdin ifixklu l-komunjoni ekklesjali perfetta, l-insara kollha għad jingħaqdu f'ċelebrazzjoni waħda ta' l-Ewkaristija u fl-unita' tal-Knisja waħda u waħdanija, f'dik l-unita li Kristu sa mill-bidu ta lill-Knijsa tiegħu u li aħna nemmnu li għadha hemm bla ma tista' tintilef fil-Knisja kattolika u li nittamaw li tkompli tikber kuljum dejjem iżjed sa l-aħħar taż-żminijiet.

Huwa ċar li x-xogħol ta' tħejjija u ta' rikonċiljazzjoni li qed jagħmlu dawk l-individwi li jixtiequ l-komunjoni kattolika sħiħa jingħażel min-natura tiegħu mill-ħidma ekumenika; iżda ma hemm ebda opożizzjoni bejniethom għaliex it-tnejn ġejjin minn dak li b'mod tal-għaġeb iddispona Alla.

Jenħtieġ mingħajr dubju li fil-ħidma ekumenika l-fidili kattoliċi jinteressaw irwieħom mil-aħwa mifrudin billi jitolbu għalihom, jagħtuhom tagħtif dwar il-ħwejjeġ tal-Knisja u jagħmlu l-ewwel passi lejhom. Iżda qabel xejn huma għandhom jeżaminaw bis-sinċerita' u bl-attenzjoni dak li għandu bżonn jiġġedded jew jeħtieġ isir fl-istess familja kattolika biex il-ħajja tagħha tagħti xhied iżjed fidila u ċara tat-tagħlim u ta' l-istituzzjonijiet mgħoddija minn Kristu permezz ta' l-Appostli.

Għaliex għalkemm il-Knisja kattolika kienet mogħnija minn Alla b'kull verita' rivelata u bil-mezzi kollha tgal-grazzja, b'danakollu l-membri tagħha ma jgħixux bihom bil-ħerqa kollha xierqa u b'hekk wiċċ il-Knisja ma jidhirx jiddi quddiem l-aħwa mifrudin minna u s-Saltna ta' Alla ddum biex tixtered. Għalhekk il-kattoliċi kollha għandhom jippruvaw jilħqu l-perfezzjoni niranija[20] u, kull wieħed skont il-qagħda tiegħu, jagħmlu lithom biex il-Knijsa li ġġorr f'ġismha l-umilta' u t-tbatija sal-mewt ta' Kristu[21] titnaddaf u tiġġedded minn jum għall-ieħor sakemm Kristu jagħmilha tidher quddiemu msebbha, bla tebgħa jew tikmix[22].

Dawk kollha li qegħdin fil-Knisja skond l-uffiċċju mogħti lil kull wieħed minnhom, waqt li jżommu l-unita' fil-ħwejjeġ neċessarji, għandhom iħarsu l-liberta' xieraq kemm fl-għamliet diversi ta' ħajja spiritwali u tad-dixxiplina, kemm fir-riti liturġiċi diversi, anzi fl-istess elaborazzjoni teoloġika tal-verita' rivelata; f'kollox, mbagħad, għandhom iħarsu l-imħabba. Għaliex meta

20 ĠaK. 1,4; Rum 12,1-2.
21 2 Kor. 4,10; Fil,2.5-8.
22 Ef. 5,27.

jagħmlu hekk ikunu qegħdin jagħtu xhieda kuljum iżjed sħiħa tal-kattoliċita' u ta' l-appostoliċita' tal-Knisja.

Min-naħa l-oħra jeħtieġ li l-kattoliċi jagħirfu bil-ferħ u jistmaw il-valuri tassew insara li jinsabu fost l-aħwa mifrudin minna u li ġejjin minn wirt komuni. Huwa sewwa u ta' ġid li wieħed jagħraf l-għana ta' Kristu u l-egħmejjel ta' tjieba fil-ħajja ta' l-oħrajn li jagħtu xhieda għal Kristu u xi drabi jaslu wkoll biex ixerrdu demmhom għalih; għaliex Alla huwa dejjem tal-għaġeb f'dak li jagħmel u jistħoqqlu l- ammirazzjoni tagħna.

Lanqas m'għandu wieħed jinsa li dak kollu li bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu jseħħ fl-aħwa mifrudin jista' jiswa għall-ġid tagħna wkoll. Dak kollu li hu tassew nisrani qatt ma jmur kontra dak li hu tassew ġenwin fil-fidi, anzi dejjem jista' jgħin biex iseħħ aħjar il-misteru ta' Kristu u tal-Knisja.

B'danakollu l-firdiet bejn l-insara huma ta' xkiel għall-Knisja biex ittemm il-milja tal-kattoliċita tagħha f'dawk l-ulied li huma tabilħaqq imseħbin magħna bil-magħmudija iżda huma mifrudin mill-għaqda sħiħa magħha. Anzi jsir iżjed diffiċli għall-Knisja stess li tfisser f'kull aspett il-milja tal-kattoliċita' tagħha fl-istess realta' tal-ħajja.

Dan is-Sinodu Mqaddes jagħraf bil-ferħ li s-sehem tal-fidili kattoliċi fil-ħidma ekumenika qiegħed jikber kuljum iżjed u jirrkkmanda lill-isqfijiet f'kull naħa tad-dinja biex iġibuh 'il quddiem bil-ħerqa u jmexxuh bil-prudenza.

***Kap II***

***DWAR IT-TĦADDIM TA' L-EKUMENIŻMU***

***L-għaqda tolqot lil kulħadd***

***5.*** Il-ħerqa biex terġa ssir l-għaqda tolqot lill-Knisja kollha, kemm lill-fidili kemm lir-rgħajja, u tinteressa lil kull wieħed skond il-ħila tiegħu kemm fil-ħajja nisrianija ta' kuljum kemm għal dawk li għandu x'jaqsam ma' l-istudji tat-teoloġija u ta' l-istorja. Din il-ħerqa stess diġa' turi li b'xi mod teżisti rabta ta' l-aħwa fost l-insara kollha; hija twassal għall-għaqda sħiħa u perfetta kif iridha Alla fl-imħabba tiegħu.

***Ir-riforma tal-Knisja***

***6.*** Kull tiġdid tal-Knisja[23] jikkonsisti essenzjalment f'impenn akbar ta' fedelta'għas-sejħa tagħha. Huwa bla dubju għalhekk li hemm moiment li qiegħed iħabrek għall-għaqda. Matul il-pellegrinaġġ tagħha f'din l-art Kristu jsejjaħ lill-Knisja għal dan it-tiġdid kontinwu tagħha nnifisha, tiġdid li l-Knisja, għax hija istituzzjoni umana, dejjem teħtieġ. Għalhekk, jekk minħabba ċirkustanzi ta' ġrajjiet u ta' żminijiet xi ħwejjeġ ma tħarsux b'reqqa biżżejjed kemm fl-imġiba, kemm fid-dixxiplina ekkleżjastika, kemm fil-formulazzjoni tat-tagħlim – formulazzjoni li dejjem għandha tingħażel mid-depositu tal-fidi nnifsu – dawn il-ħwejjeġ ikunu korretti sewwa fil-waqt u kif imiss.

Għalhekk dan it-tiġdid diġa qed isir fil-ħajja tal-Knisja u l-modi diversi kif qed isir – bħalma huma l-moviment bibliku u liturġiku, il-predikazzjoni tal-kelma ta' Alla u l-katekesi, Il-appostolat tal-lajċi, l-għamliet ġodda ta' ħajja reliġjuża, l-ispiritwalita' taż-żwieġ, it-tagħlim u l-ħidma soċjali tal-Knisja – għandhom jitqiesu bħala rahan u għelm li huma awgurju tajjeb għall-progoress ta' l-ekumeniku fil-ġejjieni.

[23] CF. KONĊILJU LATERAN V.Sezz XII (1517), K. Constituti, MANSI 32,988 B.C.

***Il-Konversjoni tal-qalb***

***7.*** M'hemmx ekumeniżmu li jistħoqqluBdan l-isem mingħajr konversjoniminn ġewwa. Għaliex huwa bil-bidla tal-fehma[24], biċ-ċaħda tagħna nfusna, u bl-imħabba ġeneruża li jitnisslu u jimmaturaw ix-xewqat għall-għaqda. Għalhekk aħna għandna nitolbu mingħand l-Ispirtu divin il-grazzja li, meta naqdu, ikollna ċ-ċaħda sinċiera tagħna nfusna, l-umilta' il-manswetudni u l-ispirtu tal-ġenerożita' ta' l-aħwa għall-oħrajn. "Inħeġġiġkom" igħid l-Appostlu tal-ġnus, "Jien, il-priġunier tal-Mulej, biex timxu sewwa skond is-sejħa li biha kontu msejħin; billi bl-umilta' kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin. Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem." (Ef 4,1-3). Din l-eżortazzjoni tolqot l-iżjed lil dawk li tgħollew għall-ordni sagri bil-ħsieb li tissokta l-missjoni ta' Kristu li fostna "ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi" (Mt 20,28).

Dwar il-ħtijiet kontra l-għaqda tiswa wkoll ix-xhieda ta' S. Ġwann: "Jekk ngħidu li ma dnibniex, inkunu qegħdin nigiddbuh, u kelmtu ma tkunx fina" (1 Ġw. 1,10). Għalhekk bl-umilta' nitolbu maħfra 'l Alla u lill-aħwa mifrudin, bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina.

Il-fidili kollha għandhom jiftakru li iżjed ma jħabirku biex igħixu ħajja safja skond l-Evanġelju aktar iġibu 'l quddiem, anzi jħaddmu, l-għaqda ta' l-insara. Għaliex aktar ma jingħaqda f'għaqda intima mal-Missier, mal-Verb u ma' l-Ispirtu, aktar ikunu jistgħu jkabbru l-għaqda ta' l-aħwa b'intima u b'ħeffa.

***L-għaqda fit-talb***

***8.*** Din il-koversjoni tal-qalb u l-qdusija tal-ħajja, flimkien mat-talb privat u pubblika għall-għaqda ta' l-insara, għandhom jitqiesu bħala r-ruħ tal-moviment ekumeniku kollu u jistgħu bil-ħaqq jissejħu ekumeniżmu spiritwali.

[24] Ef. 4,23.

Ħija infatti drawwa tal-kattoliċi li jiltaqgħu ta' sikwit biex igħidu dik it-talba għall-għaqda tal-Knisja li s-Salvatur innifsu fil-lejl qabel ma miet għamel bil-ħrara lill-Missier: "li jkunu lkoll ħaġa waħda" (Ġw 17,21)

F'xi ċirkustanzi speċjali, bħal meta jkun ordnat it-talb għall-għaqda u fil-laqgħat ekumeniċi, ikun permess, anzi huwa ta' min jixtiequ, li l-kattoliċi jissieħbu fit-talb ma' l-aħwa mifrudin. Talb komuni bħal dan huwa mezz mill-aktar effikaċi biex tintalab il-grazzja tal-għaqda u huwa tifsira ġenwina tar-rabtiet li bihom il-kattoliċi għandhom magħqudin ma' l-aħwa mifrudin: "Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom." (Mt 18,20).

B'danakollu l-komunikazzjoni fi ħwejjeġ sagri ma tistax titqies bħala mezz li jista' jintuża kif ġie ġie biex terġa ssir l-għaqda ta' l-insara. Din il-komunikazzjoni tiddependi l-aktar minn żewġ prinċipji: l-ewwel mill-unita' tal-Knisja li għandha tkun imfissra u t-tieni mill-parteċipazzjoni fil-mezzi tal-grazzja. It-tifsira tal-għaqda ħafna drabi ma tippermettix il-komunikazzjoni fi ħwejjeġ sagri. Min-naħa l-oħra l-grazzja li jeħtieġ tinkiseb xi drabi tirrikkmandha. L-awtorita' episkopali tal-post għandha tiddeċiedi bil-prudenza dwar x'għandu jsir fil-pratika wara li jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha taż-żmien, tal-post u tal-persuni sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor mill-konferenza episkopali skond kif jitolbu l-istatuti proprji tagħha jew mis-Santa Sedi.

***Kattoliċi u aħwa mifrudin għandhom jifhmu lil xulxin***

***9.*** Jenħieġ li jingħaraf l-ispirtu ta' l–aħwa mifrudin. Għal dan jenħtieġ neċessarjament ħafna studju li għandu jsir skond il-verita' u bi spirtu ta' rieda tajba. Il-kattoliċi, mħejjija kif imiss, għandhom jiksbu tagħrif aħjar tat-tagħlim u ta' l-istorja ta' l-aħwa mifrudin, tal-ħajja spiritwali u liturġika tagħhom, tal-psikoloġija reliġjuża u tal-kultura li jagħżluhom. Biex dan jintlaħaq igħinu ħafna l-laqgħat bil-parteċipazzjoni taż-żewġ naħat li jsiru speċjalment biex

ikunu diskussi kwistjonijiet teoloġiċi. F'dawn il-laqgħat kulħadd għandu jitqies indaqs, basta dawk li jieħdu sehem fihom taħt il-ħarsien ta' l-isqfijiet ikunu tassew kompetenti. Minn dan id-djalogu jkun jidher iżjed ċar ukoll xi tkun tabilħaqq il-pożizzjoni tal-Knisja. B'hekk jingħarhaf aħjar il-ħsieb ta' l-aħwa mifrudin u t-twemmin tagħna jitfissrilhom b'mod aħjar.

### *Il-formazzjoni ekumenika*

***10.*** Jenħieġ li t-tagħlim tat-teoloġija mqaddsa u tal-materji l-oħra, l-aktar ta' l-istorja, jingħata wkoll mill-aspett ekumeniku biex ikun jaqbel b'mod iżjed preċiż mal-verita' tal-fatti.

Infatti huwa importanti ħafna lir-rgħajja u s-saċerdoti tal-ġejjieni jittrawmu f'teoloġija eleborata bir-reqqa b'dan il-mod, u mhux f'kuntest ta' polemika, fuq kollox f'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet ta' l-aħwa mifrudin mal-Knisja kattolika.

Għaliex huwa mill-formazzjoni tas-saċerdoti li jiddependu ħafna t-tagħlim u l-formazzjoni spiritwali meħtieġa tal-fidili u tar-reliġjużi.

Dawk il-kattoliċi li qegħdin jagħmlu ħidma missjunarja fl-istess artijiet fejn qegħdin jaħdmu nsara oħra għandhom ukoll ikunu jafu, l-iżjed il-lum, x'inhuma l-kwistjonijiet li jqumu u x'inhuma r-riżultati li jinkisbu mill-ekumeniżmu fl-appostalat tagħhom.

### *Kif għandha titfisser u tkun mgħallma d-dottrina kattolika*

***11.*** Il-Mod u l-metodu kif jitfisser it-twemmin kattoliku m'għandu bl-ebda modifixkel id-djalogu ma' ħutna mifudin. Huwa għal kollox meħtieġ li jiitfisser b'mod ċar it-tagħlim sħiħ. Xejn ma huwa iżjed barrani għall-ekumeniżmu minn dak l-irenismu falz li bih issir ħsara lis-safa tad-dottrina kattolika u jiddallam is-sens ġenwin u ċert tagħha.

Fl-istess ħin il-fidi kattolika għandha titfisser iżjjed fil-fon u b'reqqa akbar, b'mod u b'teminoloġija li l-aħwa mifrudin ukoll jistgħu jifhmuha.

Barra minnhekk, fid-djalogu ekumeniku t-teoloġiku kattoliċi, meta jistħarrġu flimkien ma' l-aħwa mifrudin dwar il-misteri divini, għandhom iġibu iirwieħhom b'imħabba għall-verita', bil-karita' u bl-umilta' waqt li jżommu sħiħ mat-tagħlim tal-Knisja. Meta jkunu qegħdin iqabblu t-tagħlim ta' xulxin għandhom jiftakru li fid-dottrina kattolika hemm ordni jew "ġerarkija" ta' veritajiet għaliex diversa hija l-konnenssjoni tagħhom mas-sisien tal-fidi kattolika. B'hekk titwitta t-triq u b'din l-emulazzjoni bejn l-aħwa kulħadd jitħeġġeġ biex jagħraf aktar biċ-ċar u aktar fil-fond l-għana ta' Kristu li ebda moħħ ma' jista' jifhem[25].

***Ħidma għalenija ma' l-aħwa mifrudin***

***12.*** L-insara kollha għandhom jistqarru quddiem il-ġnus kollha l-fidi f'Alla wieħed fi tliet Persuni, fl-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Feddej u Mulej tagħna, u bi sforz komuni b'rispett lejn xulxin jagħtu xhieda tat-tama tagħna li ma tqarraqx. Billi fiż-żminijiet tal-lum qed tikber u tixtered il-koperazzjoni fil-qasam soċjali, il-bnedmin kollha huma msejħa għal ħidma komuni; iżda għal raġuni akbar huma msejħin għal din il-ħidma dawk li jemmnu f'Alla u speċjalment l-insara kollha bħala dawk li jiżżejnu bl-isem ta' Kristu. Il-ħidma għalenija ta' l-insara kollha tfisser b'mod ħaj dik ir-rabta li diġa' tgħaqqadhom flimkien u dawl akbar fuq il-wiċċ ta' Kristu qaddej. Jeħtieġ li din il-kooperazzjoni, li f'ħafna pajjiżi diġa' bdiet isseħħ, issir dejjem iżjed aħjar l-aktar f'dawk l-inħawi fejn qiegħda ssir evoluzzoni soċjali u teknika. Din il-kooperazzjoni tiswa biex tkun rispettata kif imiss id-dinjita' tal-persuna umana, il-ġid tal-paċi jitmexxa 'l quddiem bi spirtu nisrani, u jsir użu minn kull għamla ta' rimedji kontra l-hemm ta' żmienna bħala huma l-ġuħ u d-disgrazzji, l-analfabetismu u l-faqar, in-nuqqas ta' djar u nuqqas ta' ġustizzja fit-tqassim tal-ġid. B'din il-kooperazzjoni dawk kollha li jemmnu fi' Kristu,

[25] Ef. 3,8.

jkunu jistgħu jitgħallmu bil-ħeffa kif huma jistgħu jsiru jafu aħjar u nistmaw iżjed lil xulxin u kif tista' titwitta t-triq għall-għaqda ta' l-insara.

*kap III*

## *DWAR IL-KNEJJES U L-KOMUNITAJIET EKKLESJALI MIFRUDIN MIS-SEDE APPOSTOLIKA*

### *Firdiet differenti mill-Knisja Kattolika*

***13.*** Aħna nitfgħu ħarsitna fuq iż-żewġ kategoriji ewlenin ta' firdiet li ċarrtu l-libsa bla ħjata ta' Kristu.

L-ewwel fosthom ġraw fil-Lvant sew minħabba l-konstestazjonijiet dwqr il-formuli dommatiċi tal-Konċilji ta' Efesu u ta' Kalċedonja sew, aktar tard, minħabba l-firda fil-komunjoni ekkleżjestaika bejn il-partrijarkati tal-Lvant u s-Sede Rumana.

Oħrajn, mbagħad, qamu fil-Punent iżjed minn erba' sekli wara minħabba l-ġrajjiet li komunement jissejħu r-Riforma. Minn dak iż-żmien ħafna komunjonijiet, kemm nazzjonali kemm konfessjonali, nfirdu mis-Sede Rumana. Fost dawk li fihom għad hemm, f'xi parti minnhom, it-tradizzjonijiet u l-istrutturi kattoliċi għandna post speċjali l-komunita' Anglikana.

Iżda dawn il-firdiet huma wisq differenti minn xulxin mhux biss għaliex għandhom oriġini differenti jew għaliex bdew f'pajjiżi jew fi żminijiet differenti iżda l-aktar minħabba n-natura u l-gravita' tal-kwistjonijiet li qanqlu dwar il-fidi u l-istruttura ekkleżjastika.

Għaldaqstant dan is-Sinodu Mqaddes, li ma jnaqqasx mill-importanza li għandhom il-kondizzjonijiet differenti li fihom qegħdin il-komunitajiet insara differenti u lanqas ma jingħlaq għajnejh għall-fatt li, minkejja l-firda, għad

hemm ħafna rabtiet bejniethom, jiddeċiedi li jipproponi dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin biex issir ħirdma ekumenika prudenti.

## I IL-KNEJJES TAL-LVANT ĦAQQHOM KONSIDERAZZJONI SPEĊJALI

### Storja tal-Knejjes tal-Lvant

***14.*** Għal ħafna sekli l-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent għażlu li jimxu mit-triqat tagħhom għalkemm baqgħu marbutin flimkien f'għaqda ta' l-aħwa fil-fidi u fil-ħajja sagramentali. Is-Sede Rumana kienet tintervjeni, b'kunsens komuni, meta kienu jqumu bejniethom kwistjonijiet dwar il-fidi jew id-dixxiplina. Fost ħwejjeġ oħra ta' importanza kbira l-Konċilju Mqaddes ifakkar bi pjaċiri lil kulħadd li fil-Lvant hemm ħafna knejjes partikulari u lokali attivi. Fosthom fl-ewwel post hemm il-Knejjes Patrijarkali. Mhux ftit minn dawn huma kburin li waqqfuhom l-Appostli nnifishom. Għalhekk fost l-insara tal-Lvant kien hemm u għad hemm dik il-ħerqa u dik il-ħeġġa qawwija biex jinżammu, fl-għaqda tal-fidi u tal-karita', dawk ir-relazzjonijiet ta' mħabba ta' l-aħwa li, sewwa sew bħal bejn l-aħwa, għandu jkun hemm bejn il-knejjes lokali.

L-anqas hu ta' min iħalli barra l-fatt li l-Knejjes tal-Lvant sa mill-bidu kellhom teżor li minnu ħadet ħafna l-Knisja tal-Punent – fil-qasam tal-liturġija, fit-tradizzjoni spiritwali u fl-ordni ġuriduku. Lanqas m'għandha titnaqqas l-importanza tal-fatt l-ieħor li d-dommi ewlenin tal-fidi nisranija dwar it-Trinita' u l-Verb ta' Alla magħmul bniedem mill- Verġni Marija kienu definiti fil-Konċilji mlaqqgħin fil-Lvant. U biex iħarsu din il-fidi dawn il-Knejjes tal-Lvant batew u għadhom ibatu ħafna.

Il-wirt mgħoddi mill-Appostli ntlaqa' f'għamliet u f'modi differenti u sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja tfisser u svilluppa banda mod u banda mod ieħor minħabba l-fatti li l-mentalita' u l-kondizzjonijiet tal-ħajja kienu jvarjaw minn

post għall-ieħor. Dan kollu, u tgħodd miegħu l-kawżi esterni u n-nuqqas ta' mħabba għal xulxin u ta' komprensjoni reċiproka, ħejja t-triq għall-firdiet.

Għalhekk is-Sinodu Mqaddes iħeġġeġ lil kulħadd, iżda l-aktar lil dawk li fi ħsiebhom jaħdmu biex terġa ssir il-komunjoni sħiħa bejn il-Knejjes tal-Lvant u l-Knisja Kattolika, biex iqisu kif jixraq din il-qagħda speċjali ta' kif nibtu u kibra l-Knejjes tal-Lvant u n-natura tar-relazzjonijiet li kien hemm bejnhom u s-Sede Rumana qabel il-firda, u jiffurmaw ġudizzju tajjeb ta' dan kollu. Jekk dawn il-ħwejjeġ kollha jitħarsu bir-reqqa jgħinu ħafna biex isir id-djalogu mixtieq.

### *Tradizzjoni liturġika u spiritwali tal-Knejjes tal-Lvant*

***15.*** Huwa magħruf ukoll minn kulħadd b'liema mħabba l-insara tal-Lvant jiċċelebraw il-Liturġija Mqaddsa, l-iżjed l-Ewkaristija, l-għajn tal-ħajja tal-Knisja u rahan tal-glorja ġejjiena. Biha l-fidili, f'għaqda ma' l-isqof, waqt li jersqu lejn Alla l-Missier permezz ta' l-Iben, il-Verb magħmul bniedem li bata u kien imsebbaħ, fl-Ispirtu s-Santu li jissawwab fuqhom, jidħlu f'għaqda mat-Trinita' Qaddisa u "jissieħbu fin-natura ta' Alla" (2 Piet 1,4). Għalhekk biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tal-Mulej f'kull waħda minn dawn il-Knejjes ta' Alla tinbena u tikber[26] u bil-konċelebrazzjoni tintwera l-komunijoni ta' bejniethom.

F'dan il-kult liturġiku l-insara tal-Lvant isebbħu b'innijiet mill-isbaħ lil Marija dejjemVerġni li s-Sinodu Ekumeniku ta' Efesu ipproklama solennement bħal l-Omm l-aktar qaddisa ta' Alla biex Kristu jingħaraf skond il-Kotba Mqaddsa, kif tassew u proprjament hu, l-Iben ta' Alla u Bin il-Bniedem. Huma jqimu ukoll lil ħafna qaddisin, fosthom il-Padri tal-Knisja universali.

---

[26] S. ĠWANN KRISOSTMU, In Joannem Homilia XLVI:PG 59,,,,,260-262.

Dawn il-Knejjes, għalkemm mifrudin, għandhom il-veri sagramenti u, fuq kollox, bis-saħħa tas-suċċessjoni appostolika, is-saċerdozju u l-Ewkaristija li bihom għadhom magħqudin magħna b'rabta l-iżjed kbira. Għalhekk meta jippreżentaw irwieħhom ċirkustanzi f'wqthom, bl-approvazzjoni ta' l-Awtorita' tal-Knisja, ċerta komunikazzjoni magħhom fi ħwejjeġ sagri mhux biss hija possibli iżda ukoll konsiljabbli.

Fil-Lvant jinsab ukoll l-għana ta' dawk it-tradizzjonijiet spiritwali mfissra l-iżjed mill-monakismu għaliex kien fil-Lvant, sa miż-żminijiet glorjużi tas-Santi Padri, li kibret dik l-ispiritwalita' monastika li mbagħad tferrxet lejn il-Punent. Minnha, bħal mill-għajn tagħha, tnisslet ir-regola monastika tal-Latini u minnha, maż-żmien, ħafna drabi reġgħet ħadet ħajja ġdida. Għalhekk il-kattoliċi huma mħeġġin bil-qawwa biex jiesqu iżjed ta' sikwit lejn dan l-għana spiritwali tal-Padri tal-Lvant li jerfa' 'l-bniedem kollu kemm hu għall-konnntemplazzjoni tal-ħwejjeġ divini.

Kulħadd għandu jkun jaf li l-fatt li wieħed jagħraf, iqim,iħares u jġib \il quddiem il-wirt liturġiku u spiritwali l-aktar għani ta' l-insara tal-Lvant huwa ta' importanza mil-aktar biex titħares bil-fedelta' l-milja tat-tradizzjoni nisranija u biex terġa' ssir l-għaqda ta' l-insara tal-Lvant u tal-Punent.

***Id-dixxiplina tal-Knejjes tal-Lvant.***

***16.*** Barra minn hekk, sa mill-ewwel żminijiet, il-Knejjes tal-Lvant imxew fuq dixxiplini proprji tagħħom, approvati mis-Santi Padri u mis-Sinodi u wkoll mis-Sinodi Ekumeniċi. Iżda ċerta diversita' ta' osservanzi u ta' drawwiet bl-ebda mod ma tfixkel l-unita' tal-Knisja anzi żied mal-ġmiel tagħha u tgħin mhux ftit biex hi taqdi l-missjoni tagħha. Għalhekk is-Sinodu Mqaddes, biex ineħħi kull dubju li jista' jkun hemm, jistqarr li l-Knisja tal-Lvant fil-waqt li jiftakru fl-għaqda meħtieġa għall-Knisja kollha, għandhom is-setgħa li jirregolaw irwieħhom skond id-dixxiplini tagħhom li iżjed jaqblu max-xejra

tal-fidili tagħhom u iżjed igħinu biex isir il-ġid lill-erwieħ. Il-ħarsien perfett ta' dan il-prinċipju tradizzjonali, għalkemm mhux dejjem inżamm, huwa waħda minn dawk il-ħwejjeġ li huma għal kollox meħtieġa bħala kondizzjoni biex titħejja t-triq biex terġa' ssir l-għaqda.

***Kif l-Insara tal-Lvant ifissur l-misteri.***

***17.*** Dak li ntqal hawn fuq dwar id-diversita' leġittima nistqarruh ukoll bi pjaċir dwar id-differenzi ta' enunzjazzjoni teoloġika tad-dottrina. Għaliex fit-tiftix tal-verita' rivelata tħaddmu fil-Lvant u fil-Punent metodi u triqat differenti biex jingħarfu l-ħwejjeġ divini u ssir stqarrija dwarhom. Għalhekk m'hux ta' min jistgħġeb li fi tradizzjoni waħda jkun hemm xi aspetti tal-misteru rivelat li jingħarfu aktar ċar u jitqiegħdu f'dawl akbar milli fit-tradizzjoni oħra. Għandu għaldaqstant jingħad li dawn il-formulazzjonijiet differenti ta' l-istess verita' teoloġika, aktar milli jmorru kontra xulxin ħafna drabi jikkompletaw lil xulxin. Għal dak li għandu x'jaqsam mat-tradizzjonijiet teoloġiċi awtentiċi ta' l-insara tal-Lvant jeħtieġ li wieħed jammetti li egħruqhom jinsabu b'mod tal-għaġeb fil-Kotba Mqaddsa, huma mħarsa u mfissra fil-ħajja liturġika, jieħdu l-għajxien mit-tradizzjoni appostolika ħajja u mill-kitba tal-Padri u tal-kittieba axxentiċi tal-Lvant, u jwasslu għal tiswir xieraq tal-ħajja, anżi għal kontemplazzjoni sħiħa tal-verita' nisranija.

Dan is-Sinodu Mqaddes, li jiżżi ħajr lil Alla talli ħafna orjentali, ulied il- Knisja Kattolika li jħarsu dan il-wirt u jixtiequ jgħixu b'mod iżjed safi u sħiħ, diġa qegħdin igħixu f'għaqda sħiħa ma' l-aħwa li jħaddnu t-tradizzjoni tal-Punent, jiddikjara li dan il-wirt kollu spiritwali u liturġiku, dixxiplinari u teoloġiku, fit-tradizzjonijiet diversi tiegħu, jagħmel sehem mill-kattoliċita' u l-appostoliċita' sħiħa tal-Knisja.

***Konklużjoni***

***18.*** Wara li qies sewwa dan kollu, is-Sinodu Mqaddes itenni dak li jiddikjaraw il-Konċilji Mqaddsa ta' l-imgħoddi u l-Papiet jiġifieri li, biex

jerġgħu jseħħu u jitħarsu l-komunjoni u l-unita', jeħtieġ illi "ma ngħabbu b'ebda piż ieħor aktar minn dak li hu meħtieġ" (Atti 15,28). Dan is-Sinodu jixtieq ukoll bil-qawwa li minn issa 'l quddiem f'istituzzjonijiet differenti u fl-għamliet differenti ta' ħajja l-isforzi kollha li jsiru jkollhom bħala skop illi bil-mod il-mod tintlaħaq l-għaqda, l-aktar bit-talb u bid-djalogu ta' l-aħwa , dwar id-dottrini li l-ħtiġiet l-aktar urġenti ta' żmienna fil-ħidma pastorali. Hekk ukoll is-Sinodu jirrikkmanda lir-rgħajja u lill-fidili, tal-Knisja kattolika li jżommu relazzjonijiet ma' dawk li ma għadhomx igħixu fil-Lvant iżda bogħod minn art twelidhom biex il-kollaborazzjoni ta' l-aħwa magħhom tikber fi spirtu ta' karita' u jitrażżan kull spirtu ta' tilwim u pika. Is-Sinodu Mqaddes jittama li, jekk din il-ħidma titmexxa 'l quddiem bil-ħeġġa kollha wara li jkun twaqqa' l-ħajt li qed jifred il-Knisja tal-Lvant minn dik tal-Punent, issir fl-aħħar dar waħda li tkun mibnija fuq il-ġebla tax-xewka,. Kristu Ġesu', li mit-tnjen għad jagħmel ħaġa waħda[27].

[27] KONĊILJU TA' FIRENZE, Sezz Vi (1430), Dfinizzjoni Laetentur coeli: MANSI 31, 1026 E.

## *II DWAR IL-KNEJJES U L-KOMUNITAJIET EKKLESJALI MIFRUDIN FIL-PUNENT*

### *Il-qagħda ta' dawn il-komunitajiet.*

***19.*** Il-Knejjes u l-komunitajiet ekklesjali li nfirdu mis-Sede Rumana jew f'dik it-taqliba l-aktar gravi li kellha bidu fil-Punent sa mill-aħħar snin tal-Medju Evu jew fiż-żminijiet ta' wara, għandhom rabta u affinita' speċjali mal-Knisja kattolika minħabba l-fatt li fis-sekli ta' qabel il-poplu nisrani kien għadda mien twil fil-komunjoni ekkleżjastika.

Iżda dawn il-knejjes jew komunitajiet ekklesjali huma wisq differenti mhux biss minna imma wkoll minn xulxin kemm għaliex il-bidu tagħhom kien differenti kemm għaliex differenti huma d-dottrina u l-ħajja spiritwali tagħhom. Għalhekk huwa diffiċli ħafna li tiddeskrivihom sewwa, ħaġa li m'aħniex bil-ħsieb li nagħmlu hawn.

Għalkemm il-Moviment ekumeniku u x-xewqa tal-paċi mal-Knisja kattolika għad ma xterdux kullimkien, aħna nittamaw li bil-mod il-mod is-sens ekumeniku u r-rispett għal xulxin jikbru f'kulħadd.

B'danakollu, wieħed għandu jammetti illi bejn dawn il-knejjes u l-komunitajiet ekklesjali u l-Knisja kattolika hemm diverġenzi ta' importanza kbira mhux biss ta' natura storika, soċjoliġika, psikoloġika u kulturali, iżda fuq kollox ta' interpretazzjoni tal-verita' rivelata. Għalhekk biex id-djalogu ekumeniku, minkejja dawn id-differenzi, ikun jista' jibda b'ħeffa akbar, aħna rridu f'dan il-ġej nagħtu xi punti li jistgħu u għandhom ikunu s-sies ta' dan id-djalogu u jħeġġuh.

***L-istudju tal-Kotba Mqaddsa***

***21.*** L-imħabba u l-venerazzjoni – kważi kult – tal-Kotba Mqaddsa jwasslu lil ħutna mifrudin għal studju bla waqfien u bis-sengħa tal-Kitba Mqaddsa; għaliex l-Evanġelju "hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Griegi" (Rum. 1,16).

Waqt li jsejħu l-Ispirtu s-Santu huma ifittxu 'l Alla fil-Kotba Mqaddsa nnifsihom bħal dak li qed ikellimhom fi Kristu mħabbar mill-Profeoti, il-Verb ta' Alla li sar bniedem għalina. Fihom huma jikkontemplaw il-ħajja ta' Kristu u dawk il-ħwejjeġ li l-Imgħallem divin għas-salvazzjoni tal-bnedmin, l-aktar il-misteri tal-mewt u l-qawmien tiegħu.

Iżda meta l-insara mifrudin minna jaffermaw l-awtorita' divina tal-Kotba Mqaddsa jifhmu xi ħaġa differenti minna – u fosthom stess diversi jifhmuha b'mod differenti minn oħrajn – dwar ir-relazzjoni bejn il-Kotba Mqaddsa u l-Knisja li fiha, skond it-twemmin kattoliku, il-maġisteru awtentiku għandu post speċjali fit-tifsir u x-xandir tal-Kelma ta' Alla miktuba.

B'danakollu fid-djalogu nnifsu l-Kotba Mqaddsa huma l-mezzi l-kbar fl-id setgħana ta' Alla biex tintlaħaq dik l-għaqda li s-Salvatur joffri lill-bnedmin kollha..

***Il-ħajja sagramentali***

***22.*** Bis-sagrament tal-magħmudija, kull jingħata kif imiss skond kif waqful-Mulej u jintlaqa' mid-dispożizzjoni xierqa tar-ruħ, il-bniedem jingħaqad tabilħaqq mal-ġisem ta' Kristu msallab u msebbaħ u jintissel mill-ġdidi biex ikollu sehem mill-ħajja divina, kif igħid l-Appostlu: "Indfintu

miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet." (Kol. 2, 12)[28].

Għalkemm il-magħmudija tikkostitwixxi rabta sagramentali tal-għaqda li hemm bejn dawk kollha li permezz tagħha jitwieldu mill-ġdid. B'danakollu l-magħmudija fiha nnifisha hija biss il-bidu u d-dħul għaliex hija kollha kemm hi diretta biex tinkiseb il-milja tal-ħajja fi Kristu. B'hekk il-magħmudija hija ordinata għall-istqarrija sħiħa tal-fidi, għall-inkorporazzjoni sħiħa fl-istituzzjoni tas-salvazzjoni hekk kif ried Kristu nnifsu, u biex twassal fl-aħħarnett għal insertmenti sħiħ fil-komunjoni ewkaristika.

Għalkemm bejnna u l-komunitajiet ekklesjali mifrudin minnha m'hemmx dik l-unita' sħiħa li tiġi mill-magħmudija u għalkemm aħna nemmnu li huma ma żammewx l-essenza ġenwina sħiħa tal-misteru ewkaristiku, l-aktar minħabba n-nuqqas tas-sagrament ta' l-ordni, b'danakollu, meta fiċ-Ċena Mqaddsa jagħmlu t-tifkira tal-mewt u tal-qawmien mill-mewt tal-Mulej huma jkunu qed jistqarru li fil-komunjoni titfisser il-ħajja ta' Kristu u jkunu jistennewh jerġa jiġi fil-glorja. Għalhekk id-djalogu għandu jsir dwar it-tagħlim fuq iċ-Ċena tal-Mulej, is-sagramenti l-oħra, il-kult u l-misteri tal-Knisja.

***Il-ħajja ma' Kristu.***

***23.*** Il-ħajja nisranija ta' dawn l-aħwa tieħu l-għajxien mill-fidi fi Kristu u titħeġġeġ bil-grazzja tal-magħmudija u bil-kelma ta' Alla mismugħa. Hija tintwera tabilħaqq fit-talb privat, fil-meditazzjoni tal-Kotba Mqaddsa, fil-ħajja tal-familja nisranija, fil-kult tal-komunita' li tinġabar għat-tifħir ta' Alla. Fil-kult tagħhom jidhru xi drabi elementi importanti tal-liturġija komuni antika.

[28] Rum. 6,4.

Il-fidi li biha huma jemmnu fi Kristu tagħti l-frott fit-tifħir u fir-radd tal-ħajr għall-ġid milqugħ minn Alla; mal-fidi jingħadd sens ħaj ta' ġustizzja u ta' karita' għall-proxxmu. Din il-fidi attiva tat bidu wkoll għal ħafna istituzzjonijiet li għandhom l-iskop li jtaffu l-miserji tar-ruħ u tal-ġisem, li jieħdu ħsieb l-edukazzjoni taż-żgħażagħ, li jagħmlu iżjed umani l-kondizzjonijiet soċjali tal-ħajja u jgħinu biex isseħħ il-paċi kullimkien.

U jekk f'materja ta' moralita' ħafna fost l-insara mhux dejjem jifhmu l-Evanġelju l-istess u lanqas jammettu l-istiess soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet l-aktar diffiċli tas-soċjeta' tal-lum, b'danakollu huma bħalna jridu jibqgħu jżommu sħiħ mal-kelma ta' Krisitu bħala l-għajn tat-tjieba nisranija u jobdu l-amar ta' l-Apposotlu: "Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesu', u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu." (Kol. 3,17). Minn dan jista' jkollu bidu d-djalogu ekumeniku dwar l-applikazzjoni morali ta' l-Evanġelju.

***Konlużjoni***

***24.*** Hekk, wara li fil-qosor urejna liema huma l-konizzjonijiet biex issir il-ħidma ekumenika u liema huma l-prinċipji li fuqhom għandha titmexxa, aħna nħarsu b'difuċja lejn il-ġejjieni. Dan is-Sinodu Mqaddes iħeġġeġ lill-fidili biex jevitaw kull frugħa u kull ħrara bla għaqal li jistgħu jagħmlu ħsara lill-progress tassew lejn l-għaqda. Għaliex il-ħidma ekumenika tal-fidili ma tistax tkun għajr għal kollox u sinċerament kattolika, jiġifieri tkun fidila lejn il-verita' li aħna irċevejna mill-Apposotli u l-Padri, tkun taqbel mal-fidi li l-Knisja dejjem stqarret u, fl-istess ħin, twassal għal dik il-milja li biha l-Mulej irid li l-ġisem tiegħu jikber u joktor mal-medda taż-żmien.

Dan is-Sinodu Mqaddes jixtieq ħafna li l-inizjativi meħuda minn ulied il-Knisja kattolika jibqgħu mexjin 'il quddiem f'għaqda ma' dawk mibdija mill-aħwa mifrudin mingħajr ma jitqiegħed ebda xkiel lit-toroq tal-Provvidenza u bla tfixkil għat-tqanqil ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ġejjieni. Barra

minn hemm dan is-Sinodu jiddikjara li hu jagħraf sewwa li dan il-ħsieb u din ix-xewqa qaddisa li l-insara kollha jingħaqdu fil-Knisja waħda u unika ta' Kristu jisbqu l-forzi u l-ħila tal-bnedmin. Għalhekk huwa jqiegħed it-tama kolha fit-talb ta' Kristu għall-Knisja, fl-imħabba tal-Missier għalina, fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. "U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna." (Rum. 5.5)

21 ta' Novembru, 1964. Jiena, PAWLU, Isqof tal-Knisja Kattolikaa

(Isegwu l-firem tal-Padri)

Il-votazzjoni fuq dan id-dokument kienet hekk: IVA: 2137. le 11 (Total 2148).